# FRANK PORTELLI



Is-Sur Frank Portelli għandu wara spallejh karriera ta' iktar minn 60 sena ta' ħidma mhux biss fil-qasam ta' l-arti imma xejn inqas bħala disinjatur għal knejjes, lukandi u residenzi privati. Fis-Santwarju ta' Santa Tereża nsibu diversi xogħlijiet tiegħu, imfaħħra għas-sens artistiku tagħhom minn dawk li, bħall-Professur Giorgio Pacini, il-perit tal-knisja tagħna, kellhom ix-xorti jaraw il-ħila eċċezzjonali tiegħu.

Is-Sur Portelli studja fl-Iskola ta' l-Arti l-Belt Valletta (1935-1947), fejn dejjem kien jiġi l-ewwel jew it-tieni fl-eżamijiet. Minn hemm rebaħ *scholarship* u għażel li jattendi l-Kulleġġ ta' l-Arti u t-Teknoloġija ġewwa Leicester (1948), u f'dan iż-żmien ġie introdott fl-arti ta' l-Impressjonisti. Ftit xhur wara għadda għall-Kennington College ta' Londra (1949-1950), u hemm ġie meqjus bħala wieħed mill-aħjar studenti li kellu l-kulleġġ. Kien wieħed mis-sitt artisti magħżula biex jirrappreżentaw għall-ewwel darba lil Malta fl-1958 fil-*Biennale di Venezia*. Huwa dejjem minn ta' quddiem biex jintroduċi kunċetti moderni fl-arti Maltija, bħalma kienet l-arti tal-kubiżmu fil-bidu tas-snin ħamsin. Fl-1951 kien attiv ħafna fit-twaqqif tal-*Modern Art Circle* li tiegħu kien segretarju u President. Ta' min infakkru li kien bl-arti tal-kubiżmu li ħaddem illi fl-1990 rebaħ l-ewwel premju fil-kompetizzjoni nazzjonali ta' l-arti mnehdija fl-okkażjoni tar-raba' ċentinarju mill-mewt ta' San Ġwann tas-Salib, bil-Qaddis irrappreżentat waqt l-estasi.

Frank Portelli twieled fid-dar tal-ġenituri tiegħu, Emanwel u Emanwela mwielda Borg, fid-dar li kellhom fil-pjazza ta' Sant'Elena, nhar id-19 ta' Diċembru 1922. Sa minn tfulitu kien iħobb imur fil-Knisja ta' Sant'Elena u jagħmel kopji tal-pitturi tal-knisja, u saħansitra jitla' fis-Sala tal-Kapitlu u hemm jikkopja l-buzzetti ta' *l-Evanġelisti* ta' Virginio Monti, id-dekoratur ċelebri tal-bażilika Elenjana.

Dwar dik li hi arti reliġjuża, is-Sur Frank Portelli ġie magħżul sa minn kmieni bħala d-disinjatur tas-Santwarju tagħna, u fil-fatt, l-opri ġodda tas-Santwarju huma lkoll magħmula skond id-disinji li ħejja hu. Fost dawn nistgħu nsemmu l-artal tal-presbiterju, il-paviment kollu tal-knisja, in-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu, il-bażi ta' l-Urna ta' S. Tereża, it-tabernaklu bl-ambone u l-mensoli tal-presbiterju, il-bibien tal-knisja, is-slaleb tal-konsagrazzjoni tal-knisja, u l-erba' konfessjonarji mxerrdin madwar il-knisja — l-aħħar biċċa xogħol li għamel. Bħalissa qiegħed jaħdem fuq l-apside li għandu jsir fuq il-presbiterju, l-ikbar xogħol tiegħu f'dik li hi estensjoni ta' skultura artistika. F'idejh kienu wkoll id-disinji tas-Sala Madonna tal-Karmnu li rrestawrajna u ftaħna s-sena li għaddiet.

Huwa ddisinja wkoll l-artal tal-Knisja parrokkjali ta' Marsaskala (1984), fejn ħaddem teknika ġdida ta' skultura bil-ħadid (sculptural hard metal finished in powder bronze). Fil-bidu tas-snin disgħin beda d-dekorazzjoni tal-bażilika ta' l-Isla, u s'issa tlestew il-koppla u l-pendenti tagħha.

Is-Sur Frank Portelli huwa miżżewweġ lil Rosa mwielda Attard, u għandhom tliet ulied. Huwa ppreżenta diversi xogħlijiet tiegħu f'wirjiet Malta u barra minn Malta, kemm ma' artisti magħrufa oħra, kif ukoll xogħlijiet esklussivi tiegħu.